# S 5.3 MILL-GĦERIEN GĦALL-ISKYSCRAPERS



**S5.3.4**
Nesploraw xi materjal li llum nużaw fil-bini tad-djar tagħna.

**A. Aqra, imbagħad wieġeb skont kif mitlub, bil-għajnuna wkoll tal-istampi.**



1. Fir-ritratt jidher:
   a) mastrudaxxa
   b) bennej
   ċ) xufier

2. Ir-raġel tar-ritratt jidher qiegħed jaħdem
   a) l-għamara. b) il-bizzilla. ċ) arkata.

3. Il-ġebel illi jidher fir-ritratt huwa ġebel
   a) taż-żonqor. b) tal-franka. ċ) taż-żrar.

4. Kelma oħra flok ġebel tal-franka hija
   a) globiġerina. b) arkata. ċ) ħnejja.



5. Fil-bini tagħna, ġie li minflok ġebel, nużaw tip ta' ġebel bħalma jidher fl-istampa tal-lemin. Dan jgħidhulu:
   a) żonqor b) siment
   ċ) briks

6. Dan l-oġġett li jidher fin-numru 5 huwa magħmul minn taħlita ta'

a) ramel u siment. b) ħġieġ u injam. ċ) aluminju.

7. Fl-antik konna nsaqqfu d-djar u l-irziezet tagħna billi nagħmlu travu (tal-injam, tat-tafal, tal-ħġieġ) u fuqu nagħmlu xorok (tal-injam, tal-ħġieġ, tal-ġebel).



8. Illum is-soqfa tad-djar tagħna naħdmuhom bil-konkrit. Fis-soqfa tal-konkrit ikollna taħlita ta:

a) ramel, żrar, simet u ħadid b) ramel u njam

ċ) ramel u ħġieġ

9. Liema taħseb li jiflaħ l-iktar toqol, saqaf tax-xorok jew saqaf tal-konkrit? Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________

10. Il-gallariji u t-twieqi li jidhru fl-istampa tal-lemin huma maħduma:

a) mill-ġebel

b) mill-injam

ċ) miż-żonqor



11. Semmi żvantaġġ li jista' jkollhom dawn il-gallariji u t-twieqi

______________________________________________

______________________________________________

12. Liema materjal nużaw biex mill-gallariji u t-twieqi tad-djar tagħna xorta jgħaddi d-dawl? Semmi periklu wieħed li fih dan il-materjal.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

13. X'materjal hija magħmula minnu din it-tieqa?

_______________________________________________________________

14. Semmi vantaġġ li fih dan il-materjal

_______________________________________________________________

15. Dan il-materjal tajjeb ħafna biex

a) ma tgħaddix ix-xemx.

b) ma jkollniex ħafna dawl.

ċ) ma jidħlux riħ, bard u trab ġo djarna.

16. Semmi tliet oġġetti minn dawn li semmejna, li ġew użati fl-iskola li tattendi int:

a) ___________________________________________________________

b) ___________________________________________________________

ċ) ___________________________________________________________